II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1398

tat-8 ta' Ġunju 2022

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jitqiesu l-progress tekniku u l-iżviluppi regolatorji li jikkonċernaw l-emendi għar-Regolamenti dwar il-Vetturi adottati fil-kuntest tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) u (6) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 jelenka, *inter alia*, ir-Regolament tan-NU Nru 14 [2], ir-Regolament tan-NU Nru 17 [3], ir-Regolament tan-NU Nru 29 [4], ir-Regolament tan-NU Nru 44 [5], ir-Regolament tan-NU Nru 45 [6], ir-Regolament tan-NU Nru 48 [7], ir-Regolament

[1] ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1.

[2] Ir-Regolament tan-NU Nru 14 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza, sistemi tal-ankraġġi ISOFIX, ankraġġi ISOFIX tal-irbit ta' fuq u pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size [2015/1406] (ĠU L 218, 19.8.2015, p. 27).

[3] Ir-Regolament Nru 17 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tas-sits, l-ankraġġi tagħhom u kull trażżin tar-ras (ĠU L 230, 31.8.2010, p. 81).

[4] Ir-Regolament Nru 29 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Id-dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura kummerċjali (ĠU L 304, 20.11.2010, p. 21).

[5] Ir-Regolament Nru 44 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-apparat tat-trażżin għat-tfal li jirkbu bħala passiġġieri f'vetturi bil-magna ("Sistemi tat-Trażżin għat-Tfal") (ĠU L 233, 9.9.2011, p. 95).

[6] Ir-Regolament tan-NU Nru 45 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' tagħmir li jnaddaf il-fanali ta' quddiem, u ta' vetturi bil-magna fir-rigward tat-tagħmir li jnaddaf il-fanali ta' quddiem [2020/575] (ĠU L 136, 29.4.2020, p. 1).

[7] Ir-Regolament Nru 48 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-installazzjoni ta' dwal u tagħmir ta' sinjalar bid-dawl (ĠU L 323, 6.12.2011, p. 46).

tan-NU Nru 80 ([8]), ir-Regolament tan-NU Nru 94 ([9]), ir-Regolament tan-NU Nru 95 ([10]), ir-Regolament tan-NU Nru 118 ([11]), ir-Regolament tan-NU Nru 122 ([12]), ir-Regolament tan-NU Nru 126 ([13]), ir-Regolament tan-NU Nru 127 ([14]), ir-Regolament tan-NU Nru 135 ([15]), ir-Regolament tan-NU Nru 137 ([16]), ir-Regolament tan-NU Nru 141 ([17]) u r-Regolament tan-NU Nru 142 ([18]). Dawk ir-Regolamenti kollha ġew emendati mill-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti ("WP.29 tan-NU/KEE"). Għaldaqstant jixraq li l-lista fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 tiġi aġġornata biex tirrifletti dawk l-emendi.

(2) Id-WP.29 tan-NU/KEE adotta wkoll diversi Regolamenti ġodda, li l-Unjoni aderixxiet magħhom u applikathom fuq bażi obbligatorja. B'mod partikolari, dawk huma ir-Regolament tan-NU Nru 145 ([19]), ir-Regolament tan-NU Nru 148 ([20]), ir-Regolament tan-NU Nru 149 ([21]), ir-Regolament tan-NU Nru 150 ([22]), ir-Regolament tan-NU Nru 151 ([23]), ir-Regolament tan-NU Nru 152 ([24]), ir-Regolament tan-NU Nru 153 ([25]), ir-Regolament tan-NU Nru 155 ([26]), ir-Regolament tan-NU Nru 157 ([27]), ir-Regolament tan-NU Nru 158 ([28]), ir-Regolament tan-NU Nru 159 ([29]),

([8]) Ir-Regolament Nru 80 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' sedili ta' vetturi kbar għall-passiġġieri u ta' dawn il-vetturi fir-rigward tas-saħħa tas-sedili u l-ankraġġi tagħhom (ĠU L 164, 30.6.2010, p. 18).

([9]) Ir-Regolament Nru 94 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' ħabta frontali (ĠU L 254, 20.9.2012, p. 77).

([10]) Ir-Regolament Nru 95 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' kolliżjoni laterali [2015/1093] (ĠU L 183, 10.7.2015, p. 91).

([11]) Ir-Regolament Nru 118 tal-Kummissjoni Ekonomika Ewropea tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet tekniċi uniformi dwar il-mod kif jinħarqu ċerti materjali użati fil-kostruzzjoni fuq ġewwa ta' ċerti kategoriji ta' vetturi awtomotivi (ĠU L 177, 10.7.2010, p. 263).

([12]) Ir-Regolament Nru 122 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Preskrizzjonijiet tekniċi uniformi rigward l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija M, N, u O fir-rigward tas-sistemi tat-tiswin tagħhom (ĠU L 164, 30.6.2010, p. 231).

([13]) Ir-Regolament tan-NU Nru 126 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sistemi diviżorji għall-protezzjoni tal-passiġġieri kontra bagalji maqlugħa minn posthom, fornuti bħala tagħmir mhux oriġinali tal-vettura [2020/176] (ĠU L 35, 7.2.2020, p. 37).

([14]) Ir-Regolament tan-NU Nru 127 — Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur fir-rigward tal-prestazzjoni tas-sikurezza tagħhom għall-persuni bil-mixi [2020/638] (ĠU L 154, 15.5.2020, p. 1).

([15]) Ir-Regolament Nru 135 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-prestazzjoni tagħhom f'każ ta' Impatt fil-Ġenb ma' Arblu (PSI) [2020/486] (ĠU L 103, 3.4.2020, p. 12).

([16]) Ir-Regolament Nru 137 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-karozzi tal-passiġġieri fil-każ ta' ħabta frontali b'enfasi fuq is-sistema ta' trażżin [2020/576] (ĠU L 136, 29.4.2020, p. 18).

([17]) Ir-Regolament Nru 141 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tas-Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Pressjoni tat-Tajers (TPMS) [2018/1593] (ĠU L 269, 26.10.2018, p. 36).

([18]) Ir-Regolament Nru 142 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-installazzjoni tat-tajers tagħhom [2020/242] (ĠU L 48, 21.2.2020, p. 60).

([19]) Ir-Regolament tan-NU Nru 145 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward ta' sistemi ta' ankraġġi ISOFIX, ankraġġi tal-irbit ta' fuq ISOFIX u pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size [2019/2142] (ĠU L 324, 13.12.2019, p. 47).

([20]) Ir-Regolament tan-NU Nru 148 — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' apparati għas-sinjalar bid-dawl (lampi) għal vetturi motorizzati u t-trejlers tagħhom [2021/1719] (ĠU L 347, 30.9.2021, p. 123).

([21]) Ir-Regolament Nru 149 tan-NU – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' apparati għat-tidwil tat-triq (lampi) u ta' sistemi għal vetturi bil-magna [2021/1720] (ĠU L 347, 30.9.2021, p. 173).

([22]) Ir-Regolament tan-NU Nru 150 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati u ta' mmarkar retroriflettivi għall-vetturi bil-magna u għat-trejlers tagħhom [2021/1721] (ĠU L 347, 30.9.2021, p. 297).

([23]) Ir-Regolament tan-NU Nru 151 — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Punti Moħbija għad-Detezzjoni tar-Roti [2020/1596] (ĠU L 360, 30.10.2020, p. 48).

([24]) Ir-Regolament Nru 152 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-Sistema Avvanzata għal Ibbrejkjar f'Emerġenza (AEBS) għall-vetturi M1 u N1 [2020/1597] (ĠU L 360, 30.10.2020, p. 66).

([25]) Ir-Regolament Nru 153 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-integrità tas-sistema tal-fjuwil u tas-sikurezza tas-sistema ta' motopropulsjoni elettrika fil-każ ta' kolliżjoni fuq wara [2021/386] (ĠU L 82, 9.3.2021, p. 1).

([26]) Ir-Regolament Nru 155 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward taċ-ċibersigurtà u s-sistema tal-ġestjoni taċ-ċibersigurtà [2021/387] (ĠU L 82, 9.3.2021, p. 30).

([27]) Ir-Regolament tan-NU Nru 157 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tas-Sistema ta' Żamma Awtomatizzata tal-Karreġġata [2021/389] (ĠU L 82, 9.3.2021, p. 75).

([28]) Ir-Regolament Nru 158 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati għall-moviment tar-rivers u vetturi bil-mutur fir-rigward tal-għarfien tas-sewwieq dwar utenti vulnerabbli tat-triq wara l-vetturi [2021/828] (ĠU L 184, 25.5.2021, p. 20).

([29]) Ir-Regolament Nru 159 tan-NU - dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-Sistema ta' Informazzjoni waqt it-Tluq tal-Vettura għad-Detezzjoni ta' Persuni bil-Mixi u ta' Ċiklisti [2021/829] (ĠU L 184, 25.5.2021, p. 62).

ir-Regolament tan-NU Nru 161 ([30]), ir-Regolament tan-NU Nru 162 ([31]) u r-Regolament tan-NU Nru 163 ([32]). Għaldaqstant jixraq li fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144 jiġu inklużi r-referenzi għal dawk ir-Regolamenti.

(3) Ir-Regolament tan-NU Nru 0 dwar l-Approvazzjoni Internazzjonali tat-Tip ta' Vettura Sħiħa ([33]) ġie adottat sabiex jitnaqqsu l-ostakli għall-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti tan-NU/KEE u biex jiġi pprovdut livell ogħla ta' ċertezza għall-manifatturi tal-vetturi li jkunu qed ifittxu rikonoxximent tal-approvazzjoni tat-tip tagħhom f'dawk il-Partijiet Kontraenti. L-Unjoni hija Parti Kontraenti li tapplika r-Regolament tan-NU Nru 0. Sabiex tiġi kkunsidrata Approvazzjoni Internazzjonali Universali tat-Tip ta' Vettura Sħiħa ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip tal-UE, jenħtieġ li jitqiesu l-verżjonijiet tar-Regolamenti tan-NU elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2144.

(4) L-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2144 fih il-lista ta' rekwiżiti li magħhom jenħtieġ li jikkonformaw il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati skont l-Artikoli 4(5) u 5(3) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, dak l-Anness ma fihx referenzi għall-atti regolatorji li jistabbilixxu r-rekwiżiti tekniċi dettaljati fir-rigward ta' sistemi avvanzati għal ibbrejkjar ta' emerġenza bid-detezzjoni tal-persuni bil-mixi u taċ-ċiklisti, sistemi ta' twissija ta' kolliżjoni ma' persuni bil-mixi u ċiklisti, sistemi ta' informazzjoni dwar punti moħbija, sistemi ta' assistenza ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata, detezzjoni tal-irriversjar, sinjal ta' waqfien ta' emerġenza u reġistraturi tad-*data* tal-avvenimenti. Għalhekk f'dak l-Anness jeħtieġ li jiżdiedu referenzi għall-atti regolatorji rispettivi.

(5) Il-konformità mar-Regolament tan-NU Nru 90 ([34]) hija obbligatorja għall-assemblaġġi tal-firrodi tal-brejkijiet ta' sostituzzjoni, il-firrodi tal-brejkijiet tat-tnabar, id-diski u t-tnabar għall-vetturi bil-magna u t-trejlers tagħhom. Jenħtieġ li l-assemblaġġi tal-firrodi tal-brejkijiet ta' sostituzzjoni, il-firrodi tal-brejkijiet tat-tnabar, id-diski u t-tnabar ġodda għal tipi eżistenti ta' vetturi b'approvazzjoni tat-tip ta' vettura mogħtija fir-rigward tal-ibbrejkjar f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 13 ([35]) jew mar-Regolament tan-NU Nru 13-H ([36]) qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2144, jitħallew jitqiegħdu fis-suq jew jiddaħħlu fis-servizz f'konformità mal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(6) Mill-1 ta' Settembru 2023, ir-Regolament tan-NU Nru 129 ([37]) se jissostitwixxi r-Regolament tan-NU Nru 44, u b'hekk se jwaqqaf il-possibbiltà li s-sistemi ta' trażżin għat-tfal li mhumiex mibnija fil-vetturi bil-mutur jiġu approvati għat-tip skont dak ir-Regolament. Huwa meħtieġ żmien addizzjonali biex il-produzzjoni fl-istokk u fil-kanali tad-distribuzzjoni tkun tista' tinbiegħ. Għalhekk, jenħtieġ li s-sistemi ta' trażżin għat-tfal approvati f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 44 qabel l-1 ta' Settembru 2023, jitħallew jitqiegħdu fis-suq u jiddaħħlu fis-servizz sal-1 ta' Settembru 2024.

([30]) Ir-Regolament tan-NU Nru 161 — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-vetturi bil-mutur mill-użu mhux awtorizzat u l-approvazzjoni tal-apparat kontra l-użu mhux awtorizzat (permezz ta' sistema tal-illokkjar) [2021/2274] (ĠU L 470, 30.12.2021, p. 1).

([31]) Ir-Regolament tan-NU Nru 162 — Preskrizzjonijiet tekniċi uniformi dwar l-approvazzjoni tal-immobilizzaturi u l-approvazzjoni ta' vettura fir-rigward tal-immobilizzatur tagħha [2021/2275] (ĠU L 470, 30.12.2021, p. 23).

([32]) Ir-Regolament tan-NU Nru 163 — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sistema ta' allarm tal-vetturi u l-approvazzjoni ta' vettura fir-rigward tas-sistema ta' allarm tal-vetturi tagħha [2021/2276] (ĠU L 470, 30.12.2021, p. 48).

([33]) Ir-Regolament Nru 0 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-Approvazzjoni tat-Tip Internazzjonali ta' Vettura Sħiħa (IWVTA) [2018/780] (ĠU L 135, 31.5.2018, p. 1).

([34]) Ir-Regolament Nru 90 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' tagħmir tal-kisjiet tat-tibdil tal-brejkijiet u l-kisjiet tal-brejkijiet tanbur għall-vetturi awtomottivi u t-trejlers tagħhom (ĠU L 130, 28.5.2010, p. 19).

([35]) Ir-Regolament Nru 13 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M, N u O fir-rigward tal-ibbrejkjar [2016/194] (ĠU L 42, 18.2.2016, p. 1).

([36]) Ir-Regolament Nru 13-H tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri fir-rigward tal-ibbrejkjar [2015/2364] (ĠU L 335, 22.12.2015, p. 1).

([37]) Ir-Regolament Nru 129 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' Sistemi tat-Trażżin tat-Tfal imtejba użati abbord vetturi bil-mutur (ECRS) (ĠU L 97, 29.3.2014, p. 21).

(7) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tan-NU Nru 13-H relatati mas-sistemi ta' assistenza fl-ibbrejkjar u s-sistemi ta' kontroll elettroniku tal-istabbiltà ġew ittrasferiti għar-Regolament tan-NU Nru 139 ([38]) u għar-Regolament tan-NU Nru 140 ([39]), filwaqt li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-ibbrejkjar ġew ittrasferiti għas-serje 01 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 13-H. Minħabba li r-rekwiżiti għas-sistemi ta' assistenza fl-ibbrejkjar u s-sistemi ta' kontroll elettroniku tal-istabbiltà baqgħu l-istess, jenħtieġ li l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 13-H, u l-estensjonijiet tagħhom, jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija lill-verżjonijiet oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 139 u tar-Regolament tan-NU Nru 140.

(8) Ir-rekwiżiti fir-rigward tal-ankraġġi tat-trażżin għat-tfal ġew ittrasferiti mingħajr bidliet mis-serje 07 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 14 għar-Regolament tan-NU Nru 145. Għalhekk, jenħtieġ li l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 14 jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 145.

(9) Ir-rekwiżiti fir-rigward tas-sikurezza tas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika f'kolliżjoni fuq wara ġew ittrasferiti mingħajr bidliet mis-serje 03 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 34 għar-Regolament tan-NU Nru 153. Għalhekk, jenħtieġ li l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 34 jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 153.

(10) Ir-rekwiżiti fir-rigward tal-monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers ġew ittrasferiti mingħajr bidliet mis-serje 02 ta' emendi għar-Regolament tan-NU Nru 64 ([40]) għar-Regolament tan-NU Nru 141. Għalhekk, jenħtieġ li l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 64 jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 141.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/2144 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/2144

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2019/2144 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([38]) Ir-Regolament Nru 139 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri fir-rigward ta' Sistemi ta' Assistenza fl-Ibbrejkjar (BAS) [2018/1591] (ĠU L 269, 26.10.2018, p. 1).

([39]) Ir-Regolament Nru 140 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri fir-rigward ta' Sistemi ta' Kontroll Elettroniku tal-Istabbiltà (ESC) [2018/1592] (ĠU L 269, 26.10.2018, p. 17).

([40]) Ir-Regolament Nru 64 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tagħmir tagħhom li jista' jinkludi: stepni għal użu temporanju, tajers run-flat u/jew sistema run-flat, u/jew sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers (ĠU L 310, 26.11.2010, p. 18).

ANNESS

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2019/2144 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringiela għar-Regolament tan-NU Nru 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

"14	Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza	Serje ta' emendi 09	ĠU L 324, 13.12.2019, p. 14	M, N";

(b) ir-ringiela għar-Regolament tan-NU Nru 17 hija sostitwita b'dan li ġej:

"17	Sits, l-ankraġġi tagħhom u kwalunkwe trażżin għar-ras (headrests)	Serje ta' emendi 09	ĠU L 266, 18.10.2019, p. 1	M, N";

(c) ir-ringiela għar-Regolament tan-NU Nru 29 hija sostitwita b'dan li ġej:

"29	Protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura kummerċjali	Serje ta' emendi 03	ĠU L 283, 5.11.2019, p. 72	N";

(d) ir-ringieli għar-Regolamenti tan-NU Nri 44 u 45 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"44	Tagħmir tat-trażżin għall-okkupanti tfal tal-vetturi bil-mutur ("Sistemi ta' trażżin għat-tfal")	Serje ta' emendi 04	ĠU L 285, 1.9.2020, p. 1	M, N
45	Naddafa tal-fanali ta' quddiem	Serje ta' emendi 01	ĠU L 136, 29.4.2020, p. 1	M, N";

(e) ir-ringiela għar-Regolament tan-NU Nru 48 hija sostitwita b'dan li ġej:

"48	Installazzjoni ta' apparati tat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl fuq il-vetturi bil-mutur	Serje ta' emendi 07	ĠU L 347, 30.9.2021, p. 1	M, N, O [(c)]";

(f) ir-ringiela għar-Regolament tan-NU Nru 80 hija sostitwita b'dan li ġej:

"80	Sits ta' vetturi kbar għall-passiġġieri	Serje ta' emendi 03	ĠU L 266, 18.10.2019, p. 31	M_2, M_3";

(g) ir-ringiela għar-Regolament tan-NU Nru 90 hija sostitwita b'dan li ġej:

"90	Assemblaġġi tal-firrodi tal-brejkijiet ta' sostituzzjoni, il-firrodi tal-brejkijiet tat-tnabar, id-diski u t-tnabar għall-vetturi bil-magna u t-trejlers tagħhom	Serje ta' emendi 02	ĠU L 290, 16.11.2018, p. 54	M, N, O [(h)]";

(h) ir-ringieli għar-Regolamenti tan-NU Nri 94 u 95 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"94	Protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' kolliżjoni frontali	Serje ta' emendi 04	ĠU L 392, 5.11.2021, p. 1	M_1, N_1
95	Protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' kolliżjoni laterali	Serje ta' emendi 05	ĠU L 392, 5.11.2021, p. 62	M_1, N_1";

(i) ir-ringiela għar-Regolament tan-NU Nru 118 hija sostitwita b'dan li ġej:

"118	Reżistenza għan-nar tal-materjali interni fix-xarabanks	Serje ta' emendi 03	ĠU L 48, 21.2.2020, p. 26	M_3";

(j) ir-ringiela għar-Regolament tan-NU Nru 122 hija sostitwita b'dan li ġej:

"122	Sistemi tat-tisħin tal-vetturi	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 19, 24.1.2020, p. 42	M, N, O";

(k) ir-ringieli għar-Regolamenti tan-NU Nri 126 u 127 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"126	Sistemi diviżorji	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 35, 7.2.2020, p. 37	M_1
127	Sikurezza għall-persuni bil-mixi	Serje ta' emendi 02	ĠU L 154, 15.5.2020, p. 1	M_1, N_1";

(l) ir-ringiela għar-Regolament tan-NU Nru 135 hija sostitwita b'dan li ġej:

"135	Impatt fil-ġenb ma' arblu	Serje ta' emendi 01	ĠU L 103, 3.4.2020, p. 12	M_1, N_1";

(m) ir-ringiela għar-Regolament tan-NU Nru 137 hija sostitwita b'dan li ġej:

"137	Impatt frontali fuq il-wisa' kollu	Serje ta' emendi 02	ĠU L 392, 5.11.2021, p. 130	M_1, N_1";

(n) ir-ringieli għar-Regolamenti tan-NU Nri 141, 142 u 145 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"141	Sistemi ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers	Serje ta' emendi 01	ĠU L 323, 13.9.2021, p. 1	M, N, O
142	Installazzjoni tat-tajers	Serje ta' emendi 01	ĠU L 293, 16.8.2021, p. 34	M, N, O
145	Ankraġġi tat-trażżin għat-tfal	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 324, 13.12.2019, p. 47	M_1, N_1";

(o) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin għar-Regolamenti tan-NU Nri 148, 149, 150, 151, 152, 153, 155, 157, 158, 159, 161, 162 u 163:

"148	Apparati għas-sinjalar bid-dawl (LSD)	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 347, 30.9.2021, p. 123	M, N, O
149	Apparati għat-tidwil tat-triq	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 347, 30.9.2021, p. 173	M, N, O
150	Apparati retroriflettivi (RRD)	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 347, 30.9.2021, p. 297	M, N, O
151	Sistema ta' Informazzjoni dwar Punti Moħbija għad-Detezzjoni tar-Roti	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 360, 30.10.2020, p. 48	M_2, M_3, N_2, N_3
152	Sistema Avvanzata għal Ibbrejkjar f'Emerġenza (AEBS)	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 360, 30.10.2020, p. 66	M_1, N_1
153	Sikurezza tas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika f'kolliżjoni fuq wara	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 82, 9.3.2021, p. 1	M_1, N_1
155	Sistema taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni taċ-ċibersigurtà	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 82, 9.3.2021, p. 30	M, N, O
157	Sistemi ta' Żamma Awtomatizzata tal-Karreġġata (ALKS)	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 82, 9.3.2021, p. 75	M_1
158	Apparati għal mezzi ta' viżibbiltà jew ta' detezzjoni fuq wara	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 184, 25.5.2021, p. 20	M, N
159	Sistemi ta' Informazzjoni waqt it-Tluq tal-Vettura (MOIS)	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 184, 25.5.2021, p. 62	M_2, M_3, N_2, N_3
161	Sistema tal-illokkjar	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 470, 30.12.2021, p. 1	M_1, N_1
162	Sistemi ta' immobilizzaturi	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 470, 30.12.2021, p. 23	M_1, N_1
163	Sistema ta' allarm tal-vettura	Verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 470, 30.12.2021, p. 48	M_1, N_1".

(p) il-paragrafu li ġej jiżdied man-noti tat-tabella:

"Approvazzjoni Universali Internazzjonali tat-Tip ta' Vettura Sħiħa maħruġa għal tipi ta' vetturi tal-kategorija M_1 skont ir-Regolament tan-NU Nru 0 (ĠU L 135, 31.5.2018, p. 1), li tinkludi approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolamenti tan-NU kkonċernati fil-lista f'dan l-Anness, għandha titqies bħala ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija skont dan ir-Regolament.";

(q) tiżdied in-nota ta' spjegazzjoni li ġejja:

"(h) Ir-Regolament Nru 90 tan-NU għandu japplika għall-finijiet tat-tqegħid fis-suq jew tad-dħul fis-servizz ta' dawn li ġejjin:

(a) assemblaġġi ġodda tal-firrodi tal-brejkijiet ta' sostituzzjoni għat-tipi ta' vetturi tal-kategoriji li ġejjin:

(i) il-kategoriji M_1 b'massa massima mgħobbija permissibbli li ma taqbiżx it-3,5 tunnellati, M_2 b'massa massima mgħobbija permissibbli li ma taqbiżx it-3,5 tunnellati, N_1, O_1 u O_2, li għalihom tingħata approvazzjoni tat-tip f'konformità mar-Regolamenti tan-NU Nru 13 jew Nru 13-H wara s-7 ta' April 1998;

(ii) il-kategoriji M_1 b'massa massima mgħobbija permissibbli li taqbeż it-3,5 tunnellati, M_2 b'massa massima mgħobbija permissibbli li taqbeż it-3,5 tunnellati, M_3, N_2, N_3 O_3 u O_4, li għalihom tingħata approvazzjoni tat-tip f'konformità mar-Regolamenti tan-NU Nru 13 jew Nru 13-H wara l-1 ta' Novembru 2014;

(b) diski tal-brejkijiet u tnabar ġodda ta' sostituzzjoni għat-tipi ta' vetturi tal-kategoriji li ġejjin:

(i) il-kategoriji M_1 u N_1, li għalihom tingħata approvazzjoni tat-tip tal-vettura f'konformità mar-Regolamenti tan-NU Nru 13 jew Nru 13-H wara l-1 ta' Novembru 2016;

(ii) il-kategoriji O_1 u O_2, li għalihom tingħata approvazzjoni tat-tip tal-vettura f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 13 wara l-1 ta' Novembru 2016;

(c) diski tal-brejkijiet ġodda ta' sostituzzjoni għat-tipi ta' vettura tal-kategoriji M_2, M_3, N_2, N_3, O_3 u O_4, li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 13 wara l-1 ta' Novembru 2014;

(d) tnabar tal-brejkijiet ġodda ta' sostituzzjoni għat-tipi ta' vettura tal-kategoriji M_2, M_3, N_2, N_3, O_3 u O_4, li għalihom tingħata l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 13 wara l-1 ta' Novembru 2016.".

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringieli għar-rekwiżiti A8 u A9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"A8 Ankraġġi tat-trażżin għat-tfal	Regolament tan-NU Nru 145[7]		A	A[1]	A[1]	A[1]	A[1]	A[1]						
A9 Sistemi tat-trażżin għat-tfal	Regolament tan-NU Nru 44		A[1]	A[1]	A[1]	A[1]	A[1]	A[1]					B[8]	B[8]";

(b) ir-ringiela għar-rekwiżit A18 hija sostitwita b'dan li ġej:

"A18 Kwalifikazzjoni tal-materjal tas-sistema tal-idroġenu	Regolament (UE) 2021/535, Anness XIV		A	A	A	A	A	A						A";

(c) ir-ringiela għar-rekwiżit A27 hija sostitwita b'dan li ġej:

"A27 Impatt fuq wara	Regolament tan-NU Nru 153[9]		B			B								";

(d) ir-ringieli għar-rekwiżiti minn B3 sa B7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"B3 Sistema ta' protezzjoni frontali	Regolament (UE) 2021/535, Anness XII		X			X							A	
B4 Sistema avvanzata għal ibbrejkjar f'emerġenza għall-persuni bil-mixi u għaċ-ċiklisti	Regolament tan-NU Nru 152		C			C								

B5 Twissija ta' kolliżjoni mal-persuni bil-mixi u maċ-ċiklisti	Regolament tan-NU Nru 159			B	B		B	B					B	
B6 Sistema ta' informazzjoni dwar punti mohbija	Regolament tan-NU Nru 151			B	B		B	B					B	
B7 Detezzjoni tal-irriversjar	Regolament tan-NU Nru 158		B	B	B	B	B	B					B	";

(e) ir-ringieli għar-rekwiżiti B11 u B12 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"B11 Sistemi li jneħħu l-ġlata u ċ-ċpar	Regolament (UE) 2021/535, Anness VI		A	A[2]	A[2]	A[2]	A[2]	A[2]						
B12 Sistemi tal-ħasil/imsiħ	Regolament (UE) 2021/535, Anness IV		A	A[3]	A[3]	A[3]	A[3]	A[3]					A";	

(f) ir-ringiela għar-rekwiżit C3 hija sostitwita b'dan li ġej:

"C3 Sistema ta' emerġenza kontra l-ħruġ mill-karreġġata	Regolament (UE) 2021/646		B[6]			B[6]								";

(g) ir-ringieli għar-rekwiżiti C6 u C7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"C6 Assistenza fl-ibbrejkjar	Regolament tan-NU Nru 139[10]		A			A									
C7 Kontroll tal-istabbiltà	Regolament tan-NU Nru 13 Regolament tan-NU Nru 140[11]		A	A	A	A	A	A	A	A	A	A			";

(h) ir-ringiela għar-rekwiżit C9 hija sostitwita b'dan li ġej:

"C9 Sistema avvanzata għal ibbrejkjar f'emerġenza fuq vetturi ħfief	Regolament tan-NU Nru 152		B			B									";

(i) ir-ringieli għar-rekwiżiti C13 u C14 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"C13 Monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers għal vetturi ħfief	Regolament tan-NU Nru 141[12]	Dan japplika għall-kategoriji ta' vetturi M_1 b'massa massima ≤ 3 500 kg u N_1.	A			B									
C14 Monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers għal vetturi tqal	Regolament tan-NU Nru 141			B	B		B	B			B	B			";

(j) ir-ringieli għar-rekwiżiti D3 u D4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"D3 Protezzjoni kontra l-użu mhux awtorizzat, sistemi ta' immobilizzaturi u ta' allarm	Regolament tan-NU Nru 18 Regolament tan-NU Nru 97 Regolament tan-NU Nru 116 Regolament tan-NU Nru 161 Regolament tan-NU Nru 162 Regolament tan-NU Nru 163		A	A[1]	A[1]	A	A[1]	A[1]					A	A
D4 Protezzjoni tal-vetturi kontra l-attakki ċibernetiċi	Regolament tan-NU Nru 155		B	B	B	B	B	B					B	B";

(k) ir-ringieli għar-rekwiżiti D11 sa D13 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"D11 Apparati għas-sinjalar bid-dawl	Regolament tan-NU Nru 4 Regolament tan-NU Nru 6 Regolament tan-NU Nru 7 Regolament tan-NU Nru 19 Regolament tan-NU Nru 23 Regolament tan-NU Nru 38 Regolament tan-NU Nru 77 Regolament tan-NU Nru 87 Regolament tan-NU Nru 91 Regolament tan-NU Nru 148		X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		A
D12 Apparati għat-tidwil tat-triq	Regolament tan-NU Nru 31 Regolament tan-NU Nru 98 Regolament tan-NU Nru 112 Regolament tan-NU Nru 119 Regolament tan-NU Nru 123 Regolament tan-NU Nru 149		X	X	X	X	X	X						A
D13 Apparati retroriflettivi	Regolament tan-NU Nru 3 Regolament tan-NU Nru 104 Regolament tan-NU Nru 150		X	X	X	X	X	X	X	X	X	X		A";

(l) ir-ringiela għar-rekwiżit D16 hija sostitwita b'dan li ġej:

"D16 Sinjal ta' Waqfien ta' Emerġenza	Regolament tan-NU Nru 48		B	B	B	B	B	B						";

(m) ir-ringiela għar-rekwiżit D18 hija sostitwita b'dan li ġej:

"D18 Indikatur tat-tibdil tal-gerijiet	Regolament (UE) 2021/535, Anness IX		A											";

(n) ir-ringiela għar-rekwiżit E4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"E4 Sistema ta' monitoraġġ tad-disponibbiltà tas-sewwieq	Regolament tan-NU Nru 157		B[5]	B[5]	B[5]	B[5]	B[5]	B[5]						";

(o) ir-ringieli għar-rekwiżiti E6 u E7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"E6 Sistemi għas-sostituzzjoni tal-kontroll tas-sewwieq	Regolament tan-NU Nru 157		B[5]	B[5]	B[5]	B[5]	B[5]	B[5]						
E7 Sistemi li jipprovdu l-vettura b'tagħrif dwar il-qagħda tal-vettura u l-madwar	Regolament tan-NU Nru 157		B[5]	B[5]	B[5]	B[5]	B[5]	B[5]						";

(p) ir-ringieli għar-rekwiżiti F1 u F2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"F1 Spazju tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni	Regolament (UE) 2021/535, Anness III		A	A	A	A	A	A	A	A	A	A		
F2 Moviment ta' rriversjar	Regolament (UE) 2021/535, Anness XI		A	A	A	A	A	A						";

(q) ir-ringiela għar-rekwiżit F4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"F4 Skaluni, imqabad u stafef tal-bibien	Regolament (UE) 2021/535, Anness X		A			A	A	A						";

(r) ir-ringieli għar-rekwiżiti minn F7 sa F11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"F7 Pjanċa statutorja u numru ta' identifikazzjoni tal-vettura	Regolament (UE) 2021/535, Anness II		A	A	A	A	A	A	A	A	A	A		

F8 Apparati tal-irmonk	Regolament (UE) 2021/535, Anness VII		A	A	A	A	A	A						
F9 Parafangi tar-roti	Regolament (UE) 2021/535, Anness V		A											
F10 Sistemi tas-sistema tas-soppressjoni tat-titjir	Regolament (UE) 2021/535, Anness VIII					A	A	A	A	A	A	A	A	
F11 Mases u dimensjonijiet	Regolament (UE) 2021/535, Anness XIII		A	A	A	A	A	A	A	A	A	A		”;

(s) jiżdiedu n-noti li ġejjin:

“(7) L-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mas-serje ta' emendi 07 għar-Regolament tan-NU Nru 14, u l-estensjonijiet tagħhom, għandhom jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija skont ir-Regolament tan-NU Nru 145 (verżjoni oriġinali).

(8) Is-sistemi tat-trażżin għat-tfal, mhux mibnija f'vettura bil-mutur, approvati f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 44 u mqiegħda fis-suq tal-Unjoni qabel l-1 ta' Settembru 2023, jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jiddaħħlu fis-servizz sal-1 ta' Settembru 2024.

(9) L-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mas-serje ta' emendi 03 għar-Regolament tan-NU Nru 34, u l-estensjonijiet tagħhom, għandhom jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija skont ir-Regolament tan-NU Nru 153 (verżjoni oriġinali).

(10) L-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 13-H (verżjoni oriġinali), u l-estensjonijiet tagħhom, għandhom jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija skont ir-Regolament tan-NU Nru 139 (verżjoni oriġinali).

(11) L-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 13-H (verżjoni oriġinali), u l-estensjonijiet tagħhom, għandhom jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija skont ir-Regolament tan-NU Nru 140 (verżjoni oriġinali).

(12) L-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mas-serje ta' emendi 02 għar-Regolament tan-NU Nru 64, u l-estensjonijiet tagħhom, għandhom jitqiesu ekwivalenti għal approvazzjoni tat-tip mogħtija skont ir-Regolament tan-NU Nru 141 (verżjoni oriġinali).”.